**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 139**

It-Tlieta, 27 ta' Ġunju 2023

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.03 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippresjeda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg u s-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor. Alicia Bugeja Said kienu msiefra fuq xogħol tal Gvern.

L-Onor. Alex Borg u l-Onor. Davina Sammut Hili kienu msiefra fuq xogħol tal-Parlament.

Il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża l-Onor. Miriam Dalli, il-Ministru għall-Anzjanità Attiva l-Onor. Jo Etienne Abela, is-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej l-Onor. Chris Bonett, l-Onor. Carmelo Abela u l-Onor. Abigail Camilleri kienu skużati.

L-Onor. Romilda Zarb kienet assenti.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 138 li saret fis-26 ta' Ġunju 2023 kienu kkonfermati.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1991 Ittra mibgħuta mill-Ombudsman dwar għeluq tal-każ li kien inġieb għall-attenzjoni tal-Kamra fis-Seduta 2 tad-9 ta' Mejju 2022 permezz ta' korrispondenza relatata ma' trattament mhux ġust mill-Università ta' Malta fil-konfront ta' Senior Lecturer Ukren (Każ Nru CEDUC-21-2071) li s-Sedja kienet irċeviet mingħand l-Ombudsman fit-28 ta' April 2022; u

P.L. 1992 Rapport tal-parteċipazzjoni tad-Deputy Speaker l-Onor. David Agius fis-16-il Konferenza tal-Presidenti tal-Parlamenti tal-Istati Żgħar Ewropej li nżammet ġewwa l-Lussemburgu bejn it-18 u l-20 ta' Ġunju 2023.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fl-4.32 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 9539 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1993 Tabelli li juru n-numru ta' persuni li żaru kull sit amministrat minn Heritage Malta f'Malta u Għawdex maqsuma skont is-sit fil-perjodu bejn Jannar 2018 u April 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 10086;

f'isem il-Prim Ministru qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1994 Ċirkolari Numru 20/2018 bl-isem *Regulations regarding the Award of Service Contracts within the Public Administration – 2019,2020 and 2021 rates* maħruġa mid-Dipartiment tal-Kuntratti fil-21 ta' Diċembru 2018;
Ċirkolari Numru 17/2019 bl-isem *Regulations regarding the Award of Service Contracts within the Public Administration – 2020, 2021 and 2022 rates* maħruġa mid-Dipartment tal-Kuntratti fid-19 ta' Diċembru 2019;
Ċirkolari Numru 20/2020 bl-isem *Award of Precarious Service Contracts: 2021, 2022, 2023 and 2024 rates* maħruġa mid-Dipartment tal-Kuntratti fid-29 ta' Diċembru 2020;
Ċirkolari Numru 21/2021 bl-isem *Award of Precarious Service Contracts 2022, 2023 and 2024 rates* maħruġa mid-Dipartment tal-Kuntratti fit-23 ta' Diċembru 2021;
Ċirkolari Numru 04/2023 bl-isem *Award of Service Contracts and Pegged Rates 2023* maħruġa mid-Dipartment tal-Kuntratti fl-24 ta' Jannar 2023; u
Ċirkolari 05/2023 bl-isem *Further to: Award of Service Contracts and Pegged Rates 2023 Salary Scales 19 and 20* maħruġa mid-Dipartment tal-Kuntratti fit-2 ta' Marzu 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 10188;

f'isem il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1995 Avviż Legali Nru 138 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 li jħassru r-Regolamenti dwar il-Protezzjoni ta' Annimali li jintużaw għal Skopijiet Xjentifiċi;

P.L. 1996 Avviż Legali Nru 139 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ewtanasja ta' Emerġenza tal-Annimali;

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1997 Tabella li turi n-numru ta' applikazzjonijiet li rċeviet il-Malta Enterprise għal-Letter of Intent (LOI) għall-produzzjoni tal-kannabis mediċinali fil-perjodu bejn Jannar 2018 u Ġunju 2023 maqsuma skont dawk approvati u miċħuda, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 10317;

f'isem il-Ministru għall-Ġustizzja qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1998 Tabella li turi l-ismijiet tal-partijiet li għandhom kawżi pendenti kontra l-Avukat tal-Istat quddiem il-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) li jittrattaw kontestazzjoni dwar l-allegat

non-konformità mal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 10143; u

f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 1999 Avviż Legali Nru 140 tal-2023 – Avviż ta' bidu fis-seħħ li stabbilixxa d-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-Avviż bħala d-data meta ċerti d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport (Att Nru LIV tal-2021) (Kap. 626) għandhom jidħlu fis-seħħ; u

P.L. 2000 Avviż Legali Nru 141 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Persuni Sportivi.

Il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, l-Onor. Silvio Schembri, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2001 Rapport annwali u stqarrijiet finanzjarji tal-Awtorità Maltija għall-Komunikazzjoni (MCA) għas-snin 2021 u 2022.

Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, l-Onor Clyde Caruana, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2002 Avviż Legali Nru 137 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 li Jħassru r-Regolamenti fuq id-Dokumentazzjoni dwar Ħaddiema li Jibdew jew Itemmu Impieg.

**KUMITATI PERMANENTI**

L-Ispeaker informa lill-Kamra li skont paragrafu (4) tal-artikolu 120B tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, fil-laqgħa ta' dakinhar tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, l-Onor. Robert Cutajar issostitwixxa lill-Onor. David Agius, u fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi, li kienet se tinżamm it-Tlieta, 4 ta' Lulju 2023, l-Onor. Cressida Galea se tkun qed tissostitwixxi lill-Onor. Amanda Spiteri Grech.

**PUNT IMQAJJEM MINN ONOR. MEMBRU TAL-KAMRA**

L-Onor. Albert Buttigieg ġibed l-attenzjoni tas-Sedja għal numru ta' mistoqsijiet parlamentari li huwa għamel lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, l-Onor. Aaron Farrugia, dwar xi kwalifiki għandhom u kemm jitħallsu l-konsulenti fil-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali.

Is-Sedja ħadet nota tal-punt mqajjem mill-Onor. Membru.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. ABBOZZ TA' LIĠI DWAR IL-KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA – ABBOZZ NRU 35**

Il-Kamra rriżumiet mis-26 ta' Ġunju 2023 id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi dwar il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Clifton Grima għan-naħa tal-Gvern, u l-Onor. Bernice Bonello u l-Onor. Stanley Zammit għan-naħa tal-Oppożizzjoni.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att biex jipprovdi, minflok it-Taqsima VIII tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), għat-twaqqif, funzjonijiet u għanijiet tal-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija, li jistabbilixxi l-korpi regolatorji u l-uffiċjali prinċipali tiegħu, il-funzjonijiet, l-għamla u s-setgħat ta' tali korpi regolatorji, biex jipprovdi għad-dispożizzjonijiet finanzjarji relatati mal-Kulleġġ, kif ukoll sabiex jipprovdi għal ħwejjeġ oħra li huma konnessi miegħu jew anċillari għalih" inqara t-tieni darba.

Il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, talab il-permess sabiex iressaq mozzjoni ħalli l-istadju ta' kumitat ta' dan l-Abbozz ta' Liġi, minkejja li kien jirrikjedi l-Messaġġ tal-President, jiġi ttrattat fil-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

Il-permess ingħata.

Il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni ppropona li dan l-Abbozz ta' Liġi jiġi ttrattat mill-Kumitat għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, l-Onor. Clyde Caruana, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

## 2. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI TA' ORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURA ĊIVILI – ABBOZZ NRU 47

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona t-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedua Ċivili.

Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, l-Onor. Clyde Caruana, issekonda.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Jonathan Attard, l-Onor, Anton Refalo u l-Onor. Edward Zammit Lewis għan-naħa tal-Gvern, u l-Onor. Karol Aquilina għan-naħa tal-Oppożizzjoni.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12" inqara t-tieni darba.

Il-Ministru għall-Ġustizzja ppropona li dan l-Abbozz ta' Liġi jiġi ttrattat mill-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

## INFORMAZZJONI MIS-SEDJA

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2003 Stqarrija (PR231006) tad-Dipartment dwar l-Informazzjoni maħruġa mill-Uffiċċju tal-Ispeaker dwar il-performance bonus tal-ħaddiema tas-Servizz Parlamentari.

**PERMESS TAL-KAMRA**

Il-Kamra qablet li għandha tgħaddi għar-raba' item tal-Aġenda.

4. **ABBOZZ TA' LIĠI DWAR IL-FORNITURI TA' SERVIZZI TA' FINANZJAMENT KOLLETTIV - ABBOZZ 58**

Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, l-Onor. Clyde Caruana, ippropona t-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att li jipprovdi għat-twaqqif ta' qafas għall-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għan-negozju u r-rekwiżiti għall-forniment ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv, għall-organizzazzjoni, l-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni tal-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv, għall-operat ta' pjattaformi ta' finanzjament kollettiv kif ukoll għat-trasparenza u l-komunikazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni fir-rigward tal-forniment ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv fl-Unjoni Ewropea.

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, issekonda.

Fid-diskussjoni ħa sehem l-Onor. Clyde Caruana għan-naħa tal-Gvern.

Fis-7.00 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata.

**AĠĠORNAMENT**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Chris Fearne, ippropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar l-Erbgħa, 28 ta' Ġunju 2023, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Numru 3) (*Abbozz 28*) | Tielet Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Fornituri ta' Servizzi ta' Finanzjament Kollettiv | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar l-Agrikoltura | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (*Abbozz 20*) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 3) (*Abbozz 40*) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Professjoni tax-Xogħol maż-Żgħażagħ | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar Emendi u Tħassir ta' Liġijiet Varji dwar l-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali | Tielet Qari |
| Estimi ta' Jobsplus għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità tal-Artijiet għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità għall-Protezzjoni ta' Embrijuni għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità tal-Ippjanar għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità tad-Djar għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità Maltija għat-Turiżmu għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi ta' Patrimonju Malta u Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għas-sena finanzjarja 2023 | Votazzjoni |
| Riżoluzzjoni dwar Trasferiment ta' Proprjetà – Ex Edible Oil Site | Votazzjoni |
| Riżoluzzjoni dwar Trasferiment ta' Proprjetà fi Triq l-Imdina ġewwa Ħaż-Żebbuġ | Votazzjoni |
| Mozzjoni biex temenda l-Avviż Legali 96 tal-2023 - Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Regolarizzazzjoni ta' Żvilupp Eżistenti | Votazzjoni |
| Mozzjoni biex temenda l-Avviż Legali 98 tal-2023 - Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar iż-Żamma tal-Klieb | Votazzjoni |

----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Produzzjoni tal-Petroleum | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u r-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent | Kumitat Permanenti |

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni mill-Onor. Mark Anthony Sammut, mill-Onor. Toni Bezzina u mill-Onor. Ian Vassallo.

Fis-7.30 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 28 ta' Ġunju 2023, fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANGLU FARRUGIA**
**SPEAKER**